MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 1149/2010

**Sharon Spiteri (K.I. nru. 90171M), legalment separata minn Brian Spiteri (K.I. nru. 149068M)**

***kontra***

**John Sammut (K.I. nru. 92152M) u martu Iris Sammut (K.I. nru. 555447M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-8 ta` Novembru 2010 ai termini tal-Art.167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta li jaqra hekk –

*1. Permezz ta' skrittura datata 28 ta' Marzu 2005, l-attrici silfet lill-konvenuti, brevi manu, is-somma ta' €30,281.85, ossia Lm13,000. Gie stipulat fuq din l-*

*iskrittura illi l-imsemmija somma kellha tigi restitwita sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Mejju 2005, u dan flimkien mal-imghaxijiet ta' 3% fis-sena fuq l-ammont misluf, liema imghaxijiet kellhom jithallsu lura flimkien mal-kapital (Dok. 'SS2');*

*2. Sal-lum, il-konvenuti hallsu biss is-somma ta' €15,140.93 (Lm6,500), l-ahhar pagament ikun fil-11 ta' Mejju 2009, sabiex b'hekk fadal bilanc x'jithallas ta' €12,811 (Lm5,500), apparti l-imghax dekoribbli mid-data tal-iskrittura surriferita sad-data tal-effettiv pagament (Dok. 'SS3', 'SS5', u 'SS8');*

*3. Interpellati jhallsu l-imsemmija somma, anke permezz ta' ittra gudizzjarja datata gudizzjarja datata 24 ta' Lulju 2008 (riferenza numru: 2323/08) u permezz ta' ittra legali datata 20 ta' Ottubru 2009, il-konvenuti baqghu inadempjenti (Dok. 'SS4' u 'SS6');*

*4. Dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut, il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghaldaqstant il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*5. Sharon Spiteri (K.I. nru. 90171M), taf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Raguni tat-Talba*

*1. Ghar-ragunijiet premessi, kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri;*
*Talbiet :*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti intimati ’l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

*1. Taqta u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;*

*2. Tordna lill-konvenuti intimati sabiex jidhru quddiemha fil-jum u fil-hin li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;*

*3. Tikkundanna, ghar-ragunijiet premessi, lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu lill-attrici s-somma ta’ ghoxrin elf mija u hamsin Euro u hamsin centezmu (€20,150.50) in kwantu ghal tnax-il elf tmien mija u hdax-il Euro (€12,811) bilanc tas-somma lilhom mislufa u in kwantu ghal sebat elef tlett mija disgha u tletin Euro u hamsin centezmu imghax (€7,339.50) imghax skadut mill-31 ta’ Mejju 2005 sal-11 ta’ Ottubru 2010.*

*Bl-imghax ulterjuri kalkolat mit-12 ta’ Ottubru 2010 sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja datata 24 ta’ Lulju 2008 (riferenza numru: 2323/08) kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-konvenuti intimata skond il-ligi.

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat id-dokumenti esebiti mill-attrici.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet lill-konvenut John Sammut, fil-presenza tal-konvenuta l-ohra martu Iris Sammut, jiddikjara u jaccetta li l-ammont pretiz mill-attrici kien attwalment dovut u li hlas ma sarx ghaliex il-konvenuti jinsabu ghaddejjin minn diffikultajiet finanzjarji.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati, tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tilqa` l-ewwel talba u ghalhekk qeghda tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh.**

**2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba.**

**3. Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu lill-attrici s-somma ta’ ghoxrin elf mija u hamsin Euro u hamsin centezmu (€20,150.50) in kwantu ghal tnax-il elf tmien mija u hdax-il Euro (€12,811) bilanc tas-somma lilhom mislufa u in kwantu ghal sebat elef tlett mija disgha u tletin Euro u hamsin centezmu imghax (€7,339.50) imghax skadut mill-31 ta’ Mejju 2005 sal-11 ta’ Ottubru 2010, bl-imghax ulterjuri b`effett mit-12 ta` Ottubru 2010.**

**4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta’ din il-kawza nkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja datata 24 ta’ Lulju 2008 (riferenza numru: 2323/08).**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------